MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF DAVID SCICLUNA

Seduta tat-8 ta' Frar, 2005

Appell Kriminali Numru. 230/2004

**Il-Pulizija**

**v.**

**Alan Cutajar**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Alan Cutajar talli f'dawn il-Gzejjer fit-3 ta' Marzu, 2000, u matul is-sentejn ta' qabel din id-data:

(1) **Kellu fil-pussess tieghu id-droga eroina u dehydocodine** specifikati fl-Ewwel u t-Tieni Skedi tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahruga mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja

jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-drogi msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-drogi fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-drogi msemmija gew fornuti lilu ghall-uzu tieghu skond ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regolament 8 tar-Regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

(2) Ukoll talli f'dawn il-Gzejjer fit-3 ta' Marzu, 2000, u matul ix-xhur ta' qabel, **forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga eroina** specifikata fl-ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta lil persuna/i jew ghall-uzu ta' persuna/i minghajr ma kellu licenzja mill-President ta' Malta, minghajr ma kien awtorizzat bir-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939) jew minn xi awtorita` moghtija mill-President ta' Malta li jforni d-droga u minghajr ma kien fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahruga mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tas-6 Taqsima tal-Ordinanza msemmija u minghajr ma kellu licenzja jew xort'ohra awtorizzat lijimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija u minghajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga u dan bi ksur tar-regolament 4 tar-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

Il-Qorti giet mitluba li barra li tapplika l-piena stabbilita mil-ligi, tordna lill-appellant (allura imputat) sabiex ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu ma-hatra ta' l-esperti;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-25 ta' Ottubru 2004 li permezz taghha dik il-Qorti sabet lill-imsemmi Alan Cutajar hati ta' l-imputazzjonijiet dedotti u kkundannatu ghal prigunerija ta' sitt (6) xhur u ghall-hlas ta' multa ta' mitejn liri Maltin (Lm200) pagabbli b'rati ta' ghoxrin liri Maltin (Lm20) fix-

xahar bl-ewwel pagament isir mhyux aktar tard minn erba' gimghat mid-data ta' din is-sentenza, kif ukoll ghall-hlas ta' l-ispejjez tal-espert mahtur mill-Qorti li jammontaw ghal tletin liri Maltin u hamsa u ghoxrin centezmu (Lm30. 25c), u b'dan li fin-nuqqas ta' hlas tal-multa jew ta' l-ispejjez ta' l-espert din jew dawn jinbidlu f'jum prigunerija ghal kull hames liri Maltin (Lm5) mhux imhallsa;

Rat ir-rikors ta' l-appell ta' l-imsemmi Alan Cutajar tat-28 ta’ Ottubru 2004 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tikkonferma s-sentenza appellata fejn sabitu hati ta' l-imputazzjonijiet dedotti izda tvarjaha ghal dak li jikkoncerna l-piena billi tirriduci l-istess;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Dan huwa appell mill-piena. Difatti l-appellant jilmenta li l-piena hija eccessiva u jaghti s-segwenti ragunijiet: (1) Jaccetta li f'reati simili, piena ta' prigunerija hija mandatarja u li l-minimu huwa ta' sitt xhur izda bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 29 tal-Kap. 101 il-piena tista' tinzel sa minimu ta' xahar prigunerija. (2) Jghid li, kuntrarjament ghal dak li qalet l-ewwel Qorti, l-ammont ta' droga kien *de minimis*; skond l-Ispizjar Mario Mifsud il-piz ta' dak li nstab kien ta' 4.079 grammi u huwa kien okkazjonalment jikkonsma mal-hames grammi kuljum. (3) L-ewwel Qorti ma tatx piz kbir lir-rapport tal-*probation officer*. (4) id-dewmien fil-process ma kienx taht il-kontroll tieghu u llum li c-cirkostanzi ta' hajtu tbiddlu radikalment piena ta' prigunerija ta' sitt xhur ser ikollha riperkussjonijiet negattivi u trawmatici fuq hajtu.

Issa, bhalma dejjem gie ritenut, il-principju regolatur huwa li din il-Qorti mhux normali li tiddisturba d-diskrezzjoni ta' l-ewwel Qorti jekk il-piena nflitta tkun tidhol fil-parametri tal-ligi u ma jkun hemm xejn x'jindika li kellha tkun inqas minn

dik li tkun fil-fatt inghatat[1]. Inoltre din il-Qorti, specjalment f'kazijiet bhal dan relatati anke ma' traffikar ta' droga, trid tibbilancja l-interess ta' l-appellant u tar-riforma tieghu ma' l-aspett punittiv u ta' deterrent ghalih u ghal persuni ohra li jimbarkaw jew bi hsiebhom jimbarkaw fuq attivita` tant nociva ghas-socjeta`, partikolarment fost persuni ta' eta` tenera. Il-fenomenu tad-droga u t-traffikar taghha huwa pjaga socjali li bir-ragun jikkreja allarm fis-socjeta` u jesigi li min jinstab hati ta' ghemil simili jahsad dak li zergha f'termini ta' piena.

Mis-sentenza appellata jirrizulta li l-ewwel Qorti kkunsidrat diversi aspetti pozittivi fir-rigward ta' l-appellant, u cioe` l-ammissjoni bikrija tieghu, il-fedina penali netta tieghu u l-ghajnuna kbira li ta lill-Pulizija tant li kien anke jimmerita l-applikazzjoni ta' l-artikolu 29 tal-Kap. 101.

Mill-banda l-ohra l-uniku aspett negattiv li jidher li qieset l-ewwel Qorti hu li l-ammont ta' droga ma kienx zghir daqs kemm wiehed seta' jahseb. Effettivament wiehed m'ghandux iqis unikament l-ammont ta' droga li nstabet fil-pussess ta' l-appellant (4.079 grammi eroina) izda l-fatt li huwa *ex admissis* kien ilu diga` madwar sentejn u nofs bil-vizzju tad-droga eroina (huwa gie akkuzat b'pussess taghha fit-3 ta' Marzu 2000 u matul is-sentejn ta' qabel) u li, ukoll *ex admissis*, beda jbiegh l-ahhar xahar qabel it-3 ta' Marzu 2000 (ghalkemm huwa gie akkuzat li kien iforni jew jipprokura l-eroina fit-3 ta' Marzu 2000 "u matul ix-xhur ta' qabel").

It-trapass taz-zmien sakemm inghatat is-sentenza appellata ma jahti ghaliha xejn l-appellant li ammetta proprju fl-ewwel seduta li fiha tressaq biex wiegeb ghall-imputazzjonijiet hawn fuq indikati. Difatti kien hemm dewmien sostanzjali dovut ghall-fatt illi ma setghetx issir analizi forensiku ta' l-esebiti minhabba hsara fil-magna fil-laboratorju forensiku li permezz taghha jigu analizzati sustanzi simili. Dan pero` ma jnaqqas xejn mir-responsabbilta` kriminali ta' l-appellant.

[1] Ara, per ezempju, Appell Kriminali **Il-Pulizija vs Andrew George Stone** 12 ta' Mejju 2004.

Kwantu ghall-applikazzjoni ta' l-artikolu 29 tal-Kap. 101 u ghall-kondotta ta' l-appellant, l-ewwel Qorti tathom il-piz li jixirqilhom. Difatti l-piena nghatat fil-minimu preskritt mil-ligi. Kwantu  ghar-rapport tal-*probation officer* Carmen Borg, l-ewwel Qorti qalet fis-sentenza taghha li kienet rat ir-rakkommandazzjonijiet fil-*pre-sentencing investigation report* "fejn jintwera bic-car li l-imputat dejjem hadem bi bzulija u li fil-prezent ma nstabx li qed jabbuza mid-droga", u dan apparti l-fedina penali netta tieghu. Fl-istess rapport gie rakkommandat li tinghata piena karcerarja "ibbazata fuq il-minimu". Huwa veru li, bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 29 tal-Kap. 101 l-ewwel Qorti setghet sahansitra tinzel zewg gradi mill-minimu ta' sitt xhur biex tinfliggi piena ta' ghoxrin gurnata prigunerija. Izda hija kellha d-dover li thares mhux biss l-interess ta' l-appellant izda anke l-interessi tas-socjeta`. Il-fatt li huwa "dejjem hadem bi bzulija" ma jaghtihx xi vantagg jew privilegg fuq persuni ohra misjuba hatja ta' reati simili u li huma bla impjieg, u jirrifletti aktar l-inutilita` tal-htiega li seta' hass l-appellant biex jidhol ghal din l-attivita` kriminali. Fl-istess hin, u anke wara li rat ix-xiehda ta' l-operations manager Rachel Bugeja, thoss li ghandha tirrakkommanda li din is-sentenza ma ghandhiex ikollha rifless fuq l-impjieg tieghu.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata, b'dan li l-multa ghandha tithallas skond il-ligi. Tirrakkommanda li din is-sentenza m'ghandhiex ikollha rifless fuq l-impjieg ta' l-appellant. Tirrakkommanda wkoll lid-Direttur tal-Facilita` Korrettiva ta' Kordin biex, jekk ikun il-kaz, l-appellant jinghata l-kura u assistenza kollha li tista' talvolta tkun mehtiega minhabba l-problema tad-droga.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------